**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 22 ta' Mejju, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 68/2007 AF**

**Jolly Limited (C-3068)**

**vs**

**David Grech**

**Jason Buttigieg**

**Richard Formosa**

**Raymond Galea**

**u**

**Lee Josef Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi Jolly Limited li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ghall-habta ta’ Mejju 2005 u fix-xhur ta’ qabel, insterqu numru ta’ prodotti tal-laham mill-fabbrika tas-socjetà rikorrenti gewwa A/52 fil-Qasam Industrijali tal-Marsa.

Fil-kors tal-investigazzjoni mill-awtoritajiet tal-Pulizija irrizulta illi dan is-serq gie kommess mill-intimati Grech, Buttigieg, Formosa u Galea bil-komplicità tal-intimat Azzopardi.

Sussegwentement l-intimati kollha gew akkuzati b’tali serq quddiem il-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u ammettew l-akkuzi migjuba kontra taghhom u b’sentenza tas-6 ta’ Frar 2006 gew misjuba hatja tal-akkuzi kif dedotti (Dok. A).

L-intimati la rritornaw il-prodotti misruqa u lanqas ma kkompensaw lis-socjetà rikorrenti ghat-telf tal-valur tal-istess.

Il-valur tal-imsemmi prodotti tal-laham hekk misruqa jammonta ghal hamest elef sitt mija u sitta u erbghin Lira (Lm5676) kompost kif gej:

i. *Beef Fillets* b’valur ta’ tlett elef hames mija u hamsa u hamsin Lira Maltin (Lm3555);
ii. *Beef Knuckles* b’valur ta’ disa’ mija u sebgha u disghin Lira Maltin (Lm997)
iii. *Turkey Breasts* b’valur ta’ tmienja u hamsin Lira Maltin (Lm58)
iv. *Pork Fillets* b’valur ta’ tlett mija u dsatax-il Lira Maltin (Lm319)
v. *Beef Cuberoll* b’valur ta’ seba’ mija u sebgha u erbghin Lira Maltin (Lm747).

Interpellati b’ittra ufficcjali datata 20 ta’ Ottubru 2006 mibghuta ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12 biex ihallsu ghal parti mill-valur tal-oggetti misruqa, l-intimati Grech, Buttigieg, Galea u Azzopardi ikkontestaw it-talba u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza filwaqt li l-intimat Formosa debitament notifikat ma kkontestax it-talba ghall-ammont reklamat fl-imsemmija procedura.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li huma solidalment responsabbli ghat-telf subit mis-socjetà rikorrenti b'rizultat ta' serq ta' prodotti tal-laham mill-fabbrika tal-istess socjetà ghal habta ta' Mejju 2005 u fix-xhur ta' qabel;

2. Tillikwida d-danni subiti mill-istess socjetà rikorrenti fl-ammont ta' hamest elef sitt mija u sitta u sebghin Lira (Lm5676) jew ammont iehor verjuri okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjetà rikorrenti in linea solidali, l-ammont hekk likwidat.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 ta' Novembru 2005, tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Ottubru 2006, u bl-ispejjez ta' dina l-kawza.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Jason Buttigieg li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Preliminarjament, l-kawza u l-proceduri *de quo* kif proposti fir-rikors promotur ma humiex sostenibbli fil-ligi u kwindi huma afflitti min-nullità u bla effett fil-ligi in kwantu *ex admissis* minn Dok. B esebit mar-rikors promotur jirrizulta li l-ammont ta' seba' mija u sebgha u erbghin Lira Maltin (Lm747) rapprezentanti valur ta' "*Beef Cuberoll" huwa suggett ghal proceduri ohra*. Ghalhekk jekk dan l-ammont huwa mertu ta' proceduri ohra, dan l-istess ammont ma jistax jifforma parti minn dawn il-proceduri stante li l-attur huwa prekluz milli jipprocedi aktar minn darba ghall-istess ammont fil-konfront tal-intimati.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma msejsa fuq premessi u allegazzjonijiet erronei u inveritiera u in linea generali tad-dritt l-oneru tal-prova fir-rigward ta' dak allegat jispetta lil min

jaghmel tali allegazzjonijiet. Ghaldaqstant jispetta lill-atturi jippruvaw dak allegat minnhom.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-istess talbiet attrici jistriehu b'mod assolut fuq ir-rizultanzi mill-proceduri kriminali mehuda fil-konfront tal-intimati, liema rizultanzi jikkontradixxu dak premess u mitlub mis-socjetà attrici fir-rikors promotur taghha.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub u vantat huwa wiehed eccessiv u ingustifikat.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi kif ser jirrizulta fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-elementi rikjesti mill-ligi ghas-solidarjetà ma jissusistux u kwindi l-esponent ma jistax jinzamm responsabbli *in solidum* mal-intimati l-ohra ghall-ammont u d-danni totali reklamati mis-socjetà rikorrenti.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, partikolarment ghall-ewwel eccezzjoni, l-intimat ma ghandux jinzamm responsabbli ghall-ispejjez reklamati mis-socjetà attrici, stante illi kif ser jirrizulta fil-mori ta' dawn il-proceduri, xi uhud mill-proceduri adottati mill-istess socjetà attrici kienu kolpiti min-nullità u li l-proceduri *de quo* qatt ma kellhom jigu istitwiti f'dan il-forum izda fil-Qrati Inferjuri u dan bi vjolazzjoni u nuqqas ta' rispett lejn il-principju tal-ekonomija tal-gudizzju.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Raymond Galea li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Fil-mertu s-socjetà rikorrenti ghandha ggib il-prova tal-fatt li soffriet danni u l-*quantum* ta' tali danni.

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju trid issir ukoll prova tar-responsabbilità tat-tip u tal-haga fil-konfront tal-eccipjent, u dana peress illi l-eccipjenti jekk huwa responsabbli ghal xi danni allegatament subiti mis-socjetà rikorrenti, il-*quantum*

huwa minimu u huwa m’ghandux jigi kkundannat ihallas u jaghmel tajjeb ghal dannu illi huwa fl-ebda hin ma kkommetta.

Minghajr pregudizzju ghal dak gia eccepit, f’kaz li jigi ppruvat li s-socjetà rikorrenti sofriet xi danni a kawza ta’ azzjoni jew ommissjoni ta da parti tal-esponent, huwa m’ghandux jigi kkundannat ihallas lis-socjetà rikorrenti in linea solidali mal-intimati l-ohra s-somma hekk reklamata mis-socjetà rikorrenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat illi minkejja li debitament notifikati, il-konvenuti David Grech, Richard Formosa u Lee Josef Azzopardi baqgħu ma dehrux u lanqas ippreżentaw risposta għat-talbiet miġjuba kontrihom.

Rat in-nota ta’ ċessjoni li permezz tagħha s-soċjetà attriċi ċediet l-atti tal-kawża fil-konfront tal-konvenut David Grech.

Rat li l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta sabiex tigi deciza.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni finali ta’ wħud mill-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għad-danni wara mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà attriċi tiġġestixxi fabbrika tal-laħam. Il-konvenuti kollha ħlief Lee Josef Azzopardi kienu impjegati mas-soċjetà attriċi. Fis-6 ta’ Mejju 2005 il-konvenuti Richard Formosa u Lee Josef Azzopardi ġew interċettati mill-pulizija wara li kkommettew serq ta’ numru ta’ prodotti tal-laħam mill-fabbrika tas-socjetà attriċi. Mill-investigazzjoni li għamlet il-pulizija, irriżulta li s-serq kien isir b’mod regolari u li t-tlett konvenuti l-oħra kienu wkoll jisirqu prodotti tal-laħam mill-fabbrika tal-attriċi. Is-serq kien isir b’dan il-mod: Il-konvenuti David Grech, Jason Buttigieg u Richard Formosa

kienu jaħbu l-prodotti tal-laħam ġewwa *skips* li kien hemm barra l-fabbrika sabiex filgħaxija, meta l-fabbrika tkun magħluqa, imorru jiġbru l-prodotti li jkunu ħbew. Jidher li l-konvenut Lee Josef Azzopardi kien imur regolarment mal-imsemmija konvenuti wara l-ħin tax-xogħol sabiex jiġbru l-prodotti tal-laħam li jkunu ħbew matul il-ġurnata filwaqt illi l-involviment tal-konvenut Raymond Galea kien limitat għal okkażjoni waħda meta mar mal-konvenut Richard Formosa jiġbor il-laħam li dan tal-aħħar kien ħeba aktar kmieni.

Għaldaqstant, huma tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Il-konvenuti kollha ħlief Lee Josef Azzopardi ġew akkużati talli:

> *"Fis-6 ta' Mejju, 2005 u f'diversi ġranet matul ix-xhur ta' qabel din id-data kkommettew serq ta' diversi prodotti tal-laħam mill-fabbrika numru A/52 tal-kumpannija bl-isem 'Jolly Bacon Ltd' sitwata fil-Qasam Industrijali tal-Marsa għad-dannu tad-diriġenti tal-imsemmija kumpanija, liema serq huwa kwalifikat bil-persuna u li ma jeċċedix l-elf lira."*

Il-konvenut Lee Josef Azzopardi akkużat talli:

> *"Fl-istess żmenijiet u ċirkostanzi, rrenda ruħu kompliċi meta b'xi mod li jkun xjentement għen jew assista lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ġie ppreparat jew ikkunsmat'* u talli *'fl-istess żmenijiet u ċirkostanzi, ikkometta reat ta' kompliċita f'serq aggravat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn priġunerija sospiżi għal tlett snin."*

u li l-konvenuti kollha talli:

> *"Fl-istess żmenijiet u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex jbiegħuhom jew imexxuhom."*

Il-konvenuti lkoll ammettew l-akkużi miġjuba kontrihom.

Is-soċjetà attriċi tgħid illi l-valur komplessiv tal-prodotti tal-laħam misruqa jammonta għal Lm5676, illum €13,221, kif ġej:

i. *Beef Fillets* b'valur ta' Lm3555;
ii. *Beef knuckles* b'valur ta' Lm997;
iii. *Turkey breasts* b'valur ta' Lm58;
iv. *Pork fillets* b'valur ta' Lm319;
v. *Beef cuberoll* b'valur ta' Lm747.

Frans Pace, in rappreżentanza tas-socjetà attriċi spjega li kien Victor Laurenti, inkarigat mill-i*stock* tal-kumpannija li ġibidlu l-attenzjoni li kien hemm diskrepanzi sostanzjali bejn l-i*stock* tal-prodotti tal-laħam li kien attwalment jinsab fil-fabbrika u l-*istock* skont ir-*records* li kienu jinżammu fuq il-*computers*. Peress illi kien sar jaf ukoll li numru ta' ħaddiema kienu qegħdin jirritornaw fil-fabbrika wara l-ħin tax-xogħol, huwa beda joqgħod għassa u filfatt ra b'għajnejh lil tnejn mill-konvenuti joħorġu kaxxi tal-laħam mill-fabbrika u jaħbuhom fl-i*skips* li kien hemm fuq barra.

Victor Laurenti, impjegat bħala *stock controller* mas-socjetà attriċi, spjega li kien jieħu ħsieb jagħmel *spot checks* regolari fuq l-istock tal-kumpannija u kien minn hemm li beda jsib diskrepanzi kbar fl-*istock*. Huwa jikkonferma li d-dokumenti VLA u VLB a fol. 43 u 44 tal-proċess rispettivament huma rendikont tal-valur u kwantità tal-prodotti tal-laħam li sab li kienu nieqsa mill-fabbrika tas-socjetà attriċi.

Is-soċjetà attriċi ċediet l-atti tal-kawża fil-konfront tal-konvenut David Grech. Il-konvenuti Richard Formosa u Lee Josef Azzopardi, minkejja li debitament notifikati, baqgħu kontumaċi. Madanakollu, huwa magħruf li l-kontumaċja ma tfissirx u ma tistax tiġi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet Blye Engineering Co. Ltd vs Philip Borg Bellanti et deċiża fit-22 ta' Gunju, 2005, mill-Qorti tal-Appell Inferjuri:

> *"... huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk*

*it-talba hix ġustifikata, indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35*."

In linea preliminari, il-konvenut Jason Buttigieg jeċċepixxi li l-proċeduri *de quo* huma nulli għaliex l-ittra uffiċjali ppreżentata mis-socjetà attriċi a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tgħid illi l-valur ta' wieħed mill-prodotti tal-laħam, senjatament tal-'*beef cuberoll*', huwa soġġett għal proċeduri oħra. Il-konvenut jgħid allura li dan l-ammont ma jistax jifforma parti minn dawn il-proċeduri. Il-konvenut ma jispeċifikax taħt liema waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu 789(1) tal-Kap. 12 tali nuqqas għandu jwassal lil din il-Qorti biex issib li r-rikors promotur ma jiswiex. Minkejja li huwa minnu li fl-imsemmija ittra uffiċjali saret referenza għall-proċeduri oħra, il-konvenut ma ressaq l-ebda prova li effettivament hemm xi proċeduri oħra pendenti bejn il-partijiet, speċifikament dwar il-valur tal-imsemmi prodott, li tiegħu qiegħed jintalab kumpens f'dawn il-proċeduri. Din l-eċċezzjoni tal-konvenut Jason Buttigieg qiegħda għalhekk tiġi miċħuda.

Dwar ir-responsabbilità, fil-fehma tal-Qorti, l-ammissjoni tal-konvenuti għall-akkużi miġjuba kontrihom fil-proċeduri kriminali hi prova inkonfutabbli li huma lkoll responsabbli għas-serq *de quo*. Il-Qorti tinnota wkoll illi kull wieħed mill-konvenuti, fl-istqarrija li rrilaxxa lill-pulizija, ammetta l-involviment tiegħu u ħadd minnhom ma bidel il-verżjoni tiegħu quddiem din il-Qorti. L-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Jason Buttigeg u Raymond Galea, sa fejn dawn jirreferu għar-responsabbilità tagħhom, qegħdin għalhekk jiġu miċħuda.

Jibqa' biex jiġi stabbilit il-*quantum* tad-danni li sofriet is-socjetà attriċi. Is-socjetà attriċi ma ppreżentat l-ebda rċevuta jew fattura sabiex turi fuqhiex qegħda tibbaża l-valuri tal-prodotti tal-laħam in kwistjoni. Victor Laurenti jgħid biss illi r-rendikont għamlu hu u l-valur ta' kull prodott huwa l-prezz li bih kienet xtratu s-socjetà attriċi.

Madanakollu, il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn għandha tiddubita mill-valur ta' kull prodott skont ir-rendikont tas-socjetà attriċi. Il-Qorti tinnota li kien il-konvenut David Grech stess li fl-istqarrija li rrilaxxa lil pulizija ddikjara li l-valur tal-

*beef fillet*, l-għola prodott misruq, kien ta' Lm5.75 il-kilogramma, filwaqt illi l-konvenut Richard Formosa fl-istqarrija tiegħu ddikjara li dan il-prodott kien jiswa Lm5 il-kilogramma. Skont ir-rendikont esebit mis-socjetà attriċi l-valur ta' dan il-prodott kien ta' Lm5.40 u Lm5.00 il-kilogramma li allura jaqbel mal-valur dikjarat mill-imsemmija konvenuti stess.

Dwar il-kwantità ta' kull prodott, is-socjetà attriċi wkoll tistrieh fuq ir-rendikont li għamel Victor Laurenti. Wara li qieset l-istqarrija ta' kull wieħed mill-konvenuti, il-Qorti lanqas ma ssib raġuni għalfejn għandha tiddubita mill-kwantità indikata fir-rendikont tenut kont li:

i. Richard Formosa stqarr illi kien ilu jieħu laħam mill-fabbrika minn qabel il-Milied tas-sena ta' qabel. Kien jieħu bejn darba u tlett darbiet fil-ġimgħa, minn kaxxa waħda sa tlieta kull darba. Iżid jgħid li kull kaxxa kienet tiżen bejn tmienja u għaxar kilogrammi;

ii. Mistoqsi kemm kien ilu jisraq b'dan il-mod, Jason Buttigieg ma ċaħadx illi kien ilu minn wara s-Sajf tas-sena ta' qabel, imma wieġeb biss 'ma jidhirlix'. Stqarr ukoll li kull meta seraq kien ma' Richard Formosa. Fil-fehma tal-Qorti din hija prova ċara li huwa seraq prodotti f'aktar minn okkażjoni waħda;

iii. David Grech ikkonferma li ilu jieħu l-laħam minn wara s-Sajf tas-sena ta' qabel u dan il-laħam kien ibiegħu lil terzi;

iv. Lee Josef Azzopardi stqarr illi b'kollox mar ma' sħabu l-konvenuti sabiex jiġbru l-laħam madwar tletin darba u kull darba ħadu bejn tlieta u erbgħa kaxex *fillets* u xi laħam ieħor. Il-laħam kien jinbiegħ.

Huwa veru li l-konvenuti ġew akkużati li serqu oġġetti ta' valur li ma jeċċedix Lm1000, imma dan ma jfissirx illi fir-realtà serqu daqshekk biss. Din il-Qorti hija sodisfatta mill-provi li fil-fatt serqu aktar. Il-proċeduri kriminali huma independenti minn dawk ċivili u l-grad ta' prova fiż-żewġ proċeduri huwa differenti (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti diversament

presjeduta fl-ismijiet Cassar & Schembri Co Ltd vs Philip Sultana et tas-17 ta' Mejju 2013).

Il-konvenut Buttigieg donnu qiegħed jippretendi li mill-*quantum* tad-danni li għandu jiġi likwidat favur is-soċjetà attriċi għandu jitnaqqas il-valur tal-laħam li nstab fil-pussess tal-konvenuti li ġie ritornat lis-soċjetà attriċi. Dwar dan, il-Qorti tgħid li l-oġġetti misruqa kienu prodotti tal-ikel li jridu neċessarjament jinżammu f'kundizzjoni u temperatura speċifika sabiex jibqgħu tajbin għall-konsum tal-bniedem, u allura sabiex is-soċjetà attriċi tkun tista' tbiegħu. Huwa assurd l-argument tal-konvenut li kwantità ta' laħam li għamel ġurnata moħbi ġewwa *skip* qalb iż-żibel, aktar tard misjub fil-pussess tal-konvenuti qabel ġie konfiskat mill-pulizija u ritornat lis-soċjetà attriċi, kien għadu tajjeb sabiex jinbiegħ!

Għalhekk u wara li kkunsidrat dan kollu, il-Qorti hija sodisfatta li s-soċjetà attriċi irnexxielha tipprova kemm il-valur tal-laħam *de quo*, kif ukoll il-kwantità. L-eċċezzjonijiet tal-konvenuti relatati mal-*quantum* tad-danni li sofriet l-attriċi qegħdin għalhekk ukoll jiġu miċħuda.

Jirriżulta li fil-mori tal-kawża s-soċjetà attriċi laħqet ftehim mal-konvenut David Grech. Dan il-ftehim ġie esebit fl-atti tal-kawża minn fejn jirriżulta li l-imsemmi konvenut għamel pagament ta' Lm1135, illum €2643.85 għas-saldu ta' kull pretensjoni tas-soċjetà attriċi fil-konfront tiegħu. Għalhekk, mill-ammont komplessiv ta' Lm5676, li qiegħda titlob l-attriċi għandha titnaqqas is-somma mħallsa minn David Grech.

Il-konvenuti imbagħad jeċċepixxu li fi kwalunkwe każ m'għandhomx jiġu kkundannati jagħmlu tajjeb għad-danni li sofriet is-soċjetà attriċi b'mod solidali.

Dwar is-solidarjetà f'kawżi ta' din ix-xorta, il-Qorti tirreferi għall-artikolu 1049(1) tal-Kodiċi Ċivili li jaqra hekk:

> *"Meta żewġ persuni jew iżjed ikunu dolożament għamlu ħsara, l-obbligazzjoni tagħhom għall-ħlas ta' dik il-ħsara hija in solidum."*

Tenut kont tal-fatt illi d-danni mitluba fil-każ tal-lum huma riżultat ta' serq imwettaq mill-konvenuti, din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-ħsara kkawżata lis-socjetà attriċi saret dolożament. Issa fil-każ tal-lum, is-serq li kkawża l-ħsara seħħ f'okkażjonijiet differenti. Il-konvenuti kollha bl-eċċezzjoni ta' Raymond Galea kienu nvoluti f'aktar minn okkażjoni waħda ta' serq, b'mod illi ma ġiex stabbilit l-involviment preċiż ta' kull wieħed minnhom u allura l-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn fil-konfront tagħhom m'għandhiex tiġi applikata s-solidarjetà a tenur tal-imsemmi artikolu tal-liġi. Filfatt, l-artikolu 1050(1) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk:

> *"Jekk il-biċċa tal-ħsara li kull wieħed ikun ikkaġuna ma tkunx tista' tiġi stabbilita, min ikun bata l-ħsara jista' jitlob il-ħlas tal-ħsara kollha mingħand kull min irid minn dawk li jkunu ħadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi wħud minnhom ma jkunux imxew dolożament, bla ħsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-ieħor jew l-oħrajn."*

Fil-kawza fl-ismijiet Neg. Joseph Psaila Manche et ne vs Charles Brincat et tas-7 ta' Marzu 1950, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili irriteniet:

> *"Illi pero, f'dan il-każ ma ġiex, u ma jistax jiġi, determinat f'liema proporzjon il-konvenuti ħadu parti fir-reat fuq imsemmi, jiġifieri kemm effettivament kull wieħed minnhom seraq waħdu, jew ftihem biex jisraq flimkien ma ħadd ieħor, mill-kwantita ta' kafe fuq imsemmija. Huwa veru li mhux il-konvenuti kollha ħadu sehem fis-serq tal-kafe kollu; imma huwa ugwalment veru li ma ġiex, u ma jistax jiġi, determinat il-kwantitativ ta' kafe li kull wieħed minnhom seraq.*
>
> *…*
>
> *Illi minn dak li jgħallem il-Giorgi, kif ġa ntqal fuq, jidher li f'każ ta' delitt kommess minn diversi persuni ma jkunx hemm solidarjeta bejniethom għad-dannu fil-każ biss li tkun tista' u tiġi determinata l-parti li kull wieħed minnhom ikun ħa f'dak id-delitt, u d-danni li huwa jkun effettivament*

*ikkaġuna; altrimenti huma lkoll għandhom jiġu kunsidrati responsabbli solidalment għad-danni kollha kaġunati."*

Fil-kawza Kevin Mifsud vs Sparkasse Bank Malta plc tad-9 ta' Frar 2005 il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk dwar l-artikolu 1050(1) tal-Kodiċi Ċivili:

> *"B'osservazzjoni generali jrid jinghad li dan id-dispost hu ntiz b'referenza ghall-ipotesi fejn id-dannu medesimu jkun il-konsegwenza ta' diversi atti minn diversi persuni responsabbli, anke jekk indipendentement minn xulxin, imma li flimkien jikkonkorru ghall-produzzjoni tad-dannu. Jidher li l-iskop fondamentali wara dan il-provvediment hu dak li jsahhah il-garanzija tad-danneggjat billi takkordalu l-fakolta li jazzjoni lil kull wiehed mis-suggetti responsabbli minghajr il-htiega li jippersegwixxi lil kull wiehed ghal kwota tieghu tal-htija. In-norma hi applikabbli wkoll fil-kaz li l-ko-awturi tad-dannu jwiegbu skond titoli diversi u, certament, imbaghad, fil-kaz li ma jkunx jista' jigi accertat, bhal f' dan il-kaz, min ikun effettivament ta lok ghad-dannu. Jikkonsegwi illi ghall-fini tar-responsabilita` solidali l-unicita` tal-fatt dannuz hi relattiva unikament ghad-danneggjat u din il-forma ta' responsabilita` ssehh, "meta l-Qorti tkun fl-impossibilita` li tirrikonoxxi f' liema mizura kull wiehed mill-konvenuti ppartecipa fl-effettwazzjoni tal-fatt dannuz". (***Kollez. Vol. XLIX P II p 703; Vol. XXXIV P II p 518***).*

Għar-rigward tal-konvenut Buttigieg, minkejja li donnu jrid jagħti l-impressjoni li l-involviment tiegħu fis-serq kien minimu, il-Qorti terġa tagħmel referenza għall-istqarrija tiegħu minn fejn jirriżulta li l-pulizija kienu elevaw numru ta' kaxxi tal-laħam mir-residenza tiegħu u kien hu stess li ammetta li hemm kaxxi aktar minn dawk li sabu dakinhar. Skont l-inkartament tal-proċeduri kriminali, ġew elevati mill-pussess tiegħu disa' boroż *fillet* tal-majjal u ħmistax-il biċċa *fillet* sħaħ. Il-Qorti żżid tgħid ukoll illi mill-istqarrija li rrilaxxa lill-pulizija, jirriżulta li kien ikkometta serq ta' prodotti f'aktar minn okkażjoni waħda.

Dwar Raymond Galea, is-socjetà attriċi ma ressqet l-ebda prova sabiex tikkontradixxi l-istqarrija li kien irrilaxxa lill-

pulizija u x-xhieda tiegħu *viva voce* f'dawn il-proċeduri fejn iddikjara li l-involviment tiegħu kien limitat għal okkażjoni waħda meta kien mar sabiex jiġbor il-laħam mill-i*skips* mal-konvenut Richard Formosa. Dakinhar huwa kien għen lil Formosa jġib erba' kaxxi *turkey breasts* li minnhom żamm żewġ kaxxi. L-ebda wieħed mill-konvenuti l-oħra ma jsemmi jew jimplika li Raymond Galea kien involut f'xi serqa oħra. Il-Qorti għalhekk issib illi l-ħsara li kkawża dan il-konvenut lis-socjetà attriċi hija minimu u allura m'għandux jiġi kkundannat jagħmel tajjeb għad-danni b'mod solidali. Minflok, ser tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont ta' €200 abbażi tal-ġustizzja ekwitattiva bħala l-kumpens li għandu jħallas il-konvenut Raymond Galea in linea ta' danni lill-attriċi.

Finalment u dwar il-kap tal-ispejjeż, il-konvenut Jason Buttigieg jeċċepixxi li huwa m'għandux jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali li s-socjetà attriċi intavolat fil-konfront tal-konvenuti kollha a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12. Din il-Qorti hija sodisfatta li huwa minnu li s-socjetà attriċi ma segwitx il-formalitajiet kollha rikjesti mil-liġi meta ppreżentat din l-ittra uffiċjali u allura l-konvenuti m'għandhomx jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż ta' dik il-proċedura.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tas-socjetà attriċi limitatament fil-konfront tal-konvenuti Jason Buttigieg, Richard Formosa u Lee Josef Azzopardi;

2. Tilqa' t-tieni talba tas-socjetà attriċi billi tillikwida d-danni subiti mis-socjetà attriċi fl-ammont ta' għaxart elef, ħames mija u seba' u sebgħin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€10,577.68);

3. Tikkundanna lill-konvenut Raymond Galea jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200), in linea ta' danni, bl-imgħax mid-data tas-sentenza;

4. Tikkundanna lill-konvenuti Jason Buttigieg, Richard Formosa u Lee Josef Azzopardi *in solidum* bejniethom

iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' għaxart elef, tlett mija u seba' u sebgħin Ewro u tmienja u sittin centeżmu (€10,377.68), in linea ta' danni, bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti.

IMHALLEF

DEP/REG